# MARIJA IMMAKULATA F'BENGĦAJSA

Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.



Minkejja li bħala parroċċa, Birżebbuġa għadha kif għalqet mitt sena, u għalhekk hija relattivament żagħżugħa ħdejn parroċċi oħra, l-attività fil-lokalità żgur illi mhix żagħżugħa daqstant. Biżżejjed insemmu Borġ in-Nadur, il-bini tat-tempju pagan u l-kappella ddedikata lil San Ġorġ Martri, aktarx binja tas-Seklu 15, u l-ewwel imkien abitat f'Malta – Għar Dalam. Dan jixhed il-preżenza antropoloġika f'raħalna sa mill-qedem. Aktar ma għadda ż-żmien, Birżebbuġa evolviet u kibret, madankollu, is-subborg ċkejken fiż-żona ta' bejn Kalafrana u Ħal Far, għalkemm għal qalb wisq Birżebbuġjani, baqa' rurali, wisq fidil lejn il-mod kif kienu l-irħula tradizzjonali Maltin tal-imgħoddi. F'dan l-irħajjal pittoresk, qalb ir-raba' u l-irziezet, hemm daqsxejn ta' kappella, illi nhar it-8 ta' Diċembru tiċċelebra festa ċkejkna lill-Immakulata Kunċizzjoni.



L-ewwel kappella nbniet fl-1823 minn Frenċ Callus u mħallsa miż-Żurrieqi Dun Ġakbu Schembri, fuq biċċa art tiegħu. Schembri talab lill-Isqof Ferdinando Mattei sabiex jibda jqaddes fil-kappella kull nhar ta' Ħadd u fil-festi, filwaqt illi nhar it-7 ta' Diċembru jagħmel l-Ewwel Għasar tal-Immakulata, illi tkun segwita b'Quddiesa Kantata l-għada, Jum il-Festa. Minkejja li l-kappella għamlet żmien ġuspatronat tal-familja Schembri, lejn tmiem is-Seklu 20, dan il-ġuspatronat kien mgħoddi lill-parroċċa ta' Birżebbuġa. Minkejja ċ-ċokon tal-irħajjal, il-kappella kienet sfat żgħira wisq, u għalhekk bejn l-1861 u l-1862, il-kappella nbniet mill-ġdid għal dik illi nafu llum, bl-Isqof Agostinjan Gaetano Pace Forno jbirikha fil-15 ta' Jannar 1862. Dak iż-żmien, il-bini tal-kappella tmexxa minn Ġużeppi Callus, bir-Rettur ikun in-neputi ta' Dun Ġakbu Schembri, Dun Ġużepp Gauci.

## Dar is-Sliem

Fi Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, għadna sal-lum nistgħu niltaqgħu ma' dar storika: Dar is-Sliem. Min jaf x'ried ifisser bih dan l-isem min kien jabita f'din id-dar? Forsi għax hemm kien jistrieħ mill-ġenn tal-ħajja li f'irħula oħra Maltin kienet qed takkumula bil-mod il-mod? F'din id-dar, kien iqatta' xi żmien matul is-sena jgħix, speċjalment fix-xhur tas-sajf, għall-kwiet, saċerdot Żurrieqi, Monsinjur Pietru Pawl Saydon, magħruf ma' ħafna Maltin bħala dak illi qaleb il-Bibbja mill-ilsna oriġinali għall-Malti, xogħol illi ħa madwar ħamsa u tletin sena, b'parti minnu jsir f'din Dar is-Sliem u fil-kappella nfisha. Naħseb illi kien xieraq illi l-pjazza ta' quddiem il-kappella tissemma għal dan ir-raġel ġentlom, benefattur tal-kappella u tal-poplu ta' Bengħajsa. Min jaf jekk hux lok illi qrib din id-dar titwaħħal plakka li tfakkar lil dan il-bniedem, illi mhux biss kien ir-Rettur tal-kappella, iżda għen lill-poplu ta' Bengħajsa, u wkoll lil-lingwa Maltija?

## It-Tieni Gwerra Dinjija

Fis-snin tal-gwerra, ir-Rettur tal-kappella ta' Marija Immakulata kien il-Patri Dumnikan Raymond Formosa. Waqt wieħed mill-attakki fuq Birżebbuġa, illi kienet tisfa attakkata bosta drabi minħabba l-Bażi Navali Ingliża f'Kalafrana, bomba waqgħet fl-għalqa li tinsab wara l-kappella. B'xorti tajba, il-kappella ma nqerditx. Kien ikun patrimonju ieħor mitluf għall-poplu ta' Birżebbuġa u għad-devoti ta' Marija Immakulata.

## Il-Kappella



Minkejja ċ-ċokon tagħha, il-kappella ma jonqosha xejn u tinsab miżmuma tajjeb ħafna. Fost l-opri li fiha, hemm il-kwadru titulari ta' Marija Immakulata, imdawwar b'xi skultura fil-ġebel, żewġ kwadri, wieħed ta' Marija Addolorata u l-ieħor ta' San Ġużepp, il-Via Sagra, u fis-Sagristija, hemm niċċa li fiha nsibu l-istatwa ċkejkna, iżda ħelwa u devota, tal-Immakulata Kunċizzjoni. Fil-faċċata, illi fiha żewġ pilastri ta' stil Toskan insibu kampnar u fih, hemm imqiegħda l-qanpiena Concetta, fonduta fl-1947 mid-ditta Taylor. Fuq wara nsibu qanpiena oħra ċkejkna, illi flimkien, speċjalment fis-7 u t-8 ta' Diċembru, jinstemgħu jidwu qalb il-kampanja sabiħa ta' dawn l-inħawi. Filwaqt illi kienu bosta l-benefatturi ta' din il-kappella, tajjeb illi nsemmu r-Rettur preżenti, Dun Ġużepp Barry, Arthur Grima, kif ukoll lil Ġużeppi "s-Sagristan", kif kien magħruf, illi qed jara l-ġmiel ta' Alla l-Imbierek u Omnna Marija Immakulata wara li ddedika ħajtu għall-kappella ta' Bengħajsa.

## Il-Festa ta' Marija Immakulata

Minkejja li fiż-żmien kienet issir festa kbira lil Marija Immakulata, anke bil-logħob tan-nar u b'attivitajiet liturġiċi kompluti, illum baqa' jsir Rużarju u Quddiesa Kantata f'jum it-8 ta' Diċembru. Għal xi snin lejn tmiem is-Seklu Għoxrin, esternament, kienet tintrama l-pjazza ta' quddiem il-knisja, issir fiera, marċ brijuż minn waħda miż-żewġ baned lokali ta' Birżebbuġa u jinħaraq xi logħob tan-nar. Xejn esaġerat, festa ċkejkna fejn niċċelebraw bħala familja b'devozzjoni l-festa ta' Marija Immakulata. Matul is-snin kienu jsiru anke l-Kwarantuni, l-Eżerċizzi Spiritwali fir-Randan, u attivitajiet oħra reliġjużi. Il-kappella hija ideali għall-irtiri, quddies u anke laqgħat ta' formazzjoni. Fil-Ħdud u fil-festi, għadhom sal-lum isiru l-quddies fiha, minħabba li miżmuma f'kundizzjoni mill-aħjar.

Nittama li dan l-artiklu serva ta' interess għalikom l-Imqabbin illi ta' kull sena tiċċelebraw u tfakkru b'devozzjoni lil Ommna Marija taħt diversi titli sbieħ, titli li jfakkruna li fil-mumenti sbieħ, mumenti diffiċli, mumenti ta' glorja, mumenti fejn ikollna bżonn l-għajnuna, mumenti ta' dubju, hija tinsab hemm, lesta, mis-sema fejn tinsab mgħollija bir-ruħ u l-ġisem fuq il-Kori kollha tal-Anġli, l-Omm ta' kull Faraġ, Tjieba, u Ħniena, l-Omm Pura, Immakulata, simbolizzata mill-Ġilju, sabiex tilqa' t-talb u t-tifħir tagħna lkoll, uliedha, illi kif jgħidilha San Bernard, qatt ma nstema' li xi ħadd intefa' taħt il-ħarsien tiegħek u inti ma smajtux, sabiex tinterċedi għalina quddiem Binha l-Għażiż. Tajjeb għalhekk illi ningħaqdu ħalli niċċelebraw flimkien, u tajjeb illi nawguraw lil xulxin, il-festa t-tajba, għax kull fejn hemm Alla, hemm Marija, u kull fejn hemm Alla, hemm festa. Ħa jkun Imbierek u Mfaħħar fil-Qaddisin kollha tiegħU!

---


**Referenzi:**

http://www.kappellimaltin.com/html/ta__benghajsa.html

D'Amato C.; Ramel Dehbi f'Baħar ta' Storja, Pubblikazzjoni tal-parroċċa ta' Birżebbuġa, fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju mit-twaqqif tagħha, 1913 – 2013

Għaqda Storja u Kultura A.D. 1993 Birżebbuġa; Benghisa: Niesha u Ġrajjietha, dokumentarju fl-okkażjoni ta' Jum Birżebbuġa

Ritratti minn: www.yahoo.com



GMP SKIP HIRE

Ta' Leri

• *Kiri ta' Skips* • *Ġarr ta' xogħol bil-vannijiet*

• *Tħammil bil-gaffa* • *Ġarr ta' ġebel*

Emmanna, Triq Costa, Ta' Kandja l/o Siġġiewi

**Maurizio u Giovanni Psaila**

**9983 0453 / 9982 6145**

taleri@hotmail.com